MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Numru. 884/2008

**Il-Pulizija
(Spettur James Grech)**

**vs**

**Christian Ellul bin il-mejjet Alexander u Carmen nee` Bonello, imwieled Pieta` fit-13 ta' Mejju, 1959, residenti Dar Niki Cassar, Triq San Pawl, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 224098M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kif migjuba fil-konfront ta' l-imputat u cioe talli fix-xhur ta' Gunju u Lulju 2008 gewwa YMCA Hostel sitwata fi TRiq Merkanti, Valletta bhala residenti gewwa l-istess 'hostel', b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

Nhar is-07 ta’ Lulju, 2008 ghal habta tal-23:30hr, ikkommetta serq ta’ lap top li l-valur tieghu jeccedi l-ammont ta’ Euro232.94 liema reat huwa aggravat bil-Valur, bil-Persuna u bil-Hin, ghad-detriment ta’ Douglas Alec Bvumbura detentur ta’ passaport Brittaniku bin-numru 109933442,

U aktar talli nhar id-09 ta’ Gunju 2008 u granet qabel, fl-istess lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ flus li jeccedi l-ammont ta’ Euro232.94 liema reat huwa agravat bil-Mezz, bil-Valur, bil-Persuna u bil-Hin, ghad-detriment ta’ YMCA Hostel.

Rat d-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali nadifa u l-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(f), 267 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu izda dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tqieghed lill-hati that ordni ta’ probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikser din l-ordni ta’ probation imposta fuqu llum.

Il-Qorti tordna notifika ta’ din s-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------